



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0210(COD)

6975/3/21
REV 3 ADD 1

PECHE 82
CADREFIN 130
CODEC 363
PARLNAT 134

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 42, 43(2), 91(1), 100(2), 173(3), 175, 188, 192(1), 194(2), 195(2) u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
3. Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Komitat tar-Reġjuni taw l-opinjoni jiet tagħhom fit-12 ta' Diċembru 2018 u fid-9 ta' Ottubru 2018 rispettivament.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019².
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd Intern u Estern eżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'diversi laqgħat mit-tieni parti tal-2018 'l hawn. Il-Kunsill qabel dwar l-ewwel Approċċ Ġenerali parzjali fit-18 ta' Ġunju 2019³, dwar it-tieni Approċċ Ġenerali parzjali fl-14-15 ta' Ottubru 2019⁴ u dwar it-tielet Approċċ Ġenerali parzjali fid-19 ta' Ottubru 2020⁵.
6. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew daħlu f'negozjati f'Novembru 2019 bil-ħsieb li jintlaħaq qbil bikri fit-tieni qari. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fit-3 ta' Diċembru 2020 bil-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilhqqu qbil proviżorju dwar test ta' kompromess.

¹ Dok. ST 9627/18 + ADD1 + ADD2

² Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, PE 625.439v03-00, A8-0176/2019

³ Dok. ST 10297/19

⁴ Dok. ST 12660/1/19 REV1

⁵ Dok. ST 10050/20 + COR1

7. Fil-25 ta' Frar 2021, il-President tal-Kumitat PECH bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn huwa indikat li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula, soġġetta għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, hu ser jirrakkomanda lill-Plenarja biex il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament.
8. Fit-3 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil politiku dwar it-test tar-Regolament, kif kien ġie maqbul miż-żewġ istituzzjonijiet.

II. OBJETTIV

9. Ir-Regolament dwar il-fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għandu l-għan li jimmira l-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni lejn l-appoġġ tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), il-politika marittima integrata tal-Unjoni, u l-impenji internazzjonali tal-UE fil-qasam tal-governanza tal-oċeani. Dan ser jikkostitwixxi strument importanti biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-PKS, b'mod partikolari settur tas-sajd sostenibbli tal-UE. Ser jappoġġa wkoll il-komunitajiet kostali u f'żoni interni li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura. Huwa ser ikun għodda utli fil-promozzjoni tal-ekonomija blu fis-sajd u l-akkwakultura u b'hekk jappoġġa t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, filwaqt li jħares l-ambjent tal-baħar.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

10. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("ftehim bikri fit-tieni qari").

B. Kwistjonijiet ewlenin

11. L-elementi ewlenin tal-kompromess milħuq mal-Parlament Ewropew huma, fost oħrajn:

- il-FEMSA huwa strutturat b'tali mod li l-prijoritajiet huma qrib l-objettivi tal-PKS u li hemm objettiv speċifiku wieħed jew aktar identifikat għal kull waħda mill-prijoritajiet;
- fejn applikabbli, il-ħtiġijiet tas-sajd kostali fuq skala żgħira huma meqjusa fl-ipprogrammar;
- l-indikaturi li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għall-finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni huma inklużi f'Anness għar-Regolament u ma jistgħux jiġu emendati jew issupplimentati mill-Kummissjoni;
- il-promozzjoni ta' akkwakultura sostenibbli hija waħda mill-objettivi speċifiċi tal-FEMSA;
- l-operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità tas-sajd fil-prinċipju mhumiex eliġibbli għall-finanzjament, għalkemm soġġetti għal xi derogi mfassla tajjeb ħafna u taħt kondizzjonijiet stretti;
- l-investimenti fil-flotta (pereżempju s-sostituzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-magni), u l-waqfien temporanju u permanenti tal-attivitajiet tas-sajd huma eliġibbli għall-finanzjament taħt kondizzjonijiet stretti ħafna;
- l-appoġġ huwa possibbli għal każijiet ta' avvenimenti eċċezzjonali li jiġġeneraw xkiel sinifikanti tas-swieq;
- hemm rata unika massima ta' kofinanzjament ta' 70 % għal kull objettiv speċifiku bl-eċċezzjoni tal-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi, li għalihom ir-rata massima ta' kofinanzjament hija ta' 100 %.

IV. KONKLUŻJONI

12. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta bilanċ tajjeb sabiex ir-Regolament il-ġdid, ladarba jiġi adottat, jissodisfa l-oġġettiv li jappoġġa l-kisba tal-oġġettivi tal-PKS, li jrawwem l-implimentazzjoni tal-politika marittima tal-Unjoni u li jsaħħaħ il-governanza internazzjonali tal-oċeani.
 13. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti il-kompromess ġust li nkiseb fin-negożjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitati mill-Kummissjoni.
-